Pawlu aktarx bagħat għal mantell, biex itaffi l-kesħa ta' taħt l-art, u jitkebbeb fih meta ma kienx jiflaħ aktar bin-ngħas u jrid jorqod għamża.

Ftit wara li Pawlu kiteb it-II Ittra lil Timotju, deher mill-ġdid quddiem il-Qorti u nqetgħetlu għal mewt. Il-għada Pawlu kien maħruġ mill-ħabs, idejh u saqajh imqajjda, immexxi f'nofs is-suldati, u quddiemhom Ċenturjun. Harġuh barra mill-belt u neżżgħuh ħwejġu u tawh is-swat. Imbagħad b'daqqa ta' sejf ħasdulu rasu.

U hekk miet Xa'ul, li darba kien Rabbi tal-Lhud; jew Pawlu, li issa kien l-akbar Appostlu tal-Insara.

TMIEM

# IL-GROTTA TA' SAN PAWL TAR-RABAT

(*Torbot mal-għadd ta' qabel*)

## VI — KELMTEJN FUQ L-ISTORJA

Fost in-nies il-magħrufa fil-ġrajja ta' Malta, l aktar wieħed li għamel ġid huwa San Pawl, u l-aktar wieħed li għamel deni għax ried jew m'hux għax ried huwa l-Konti Ruġġieru.

Barra mid-deni *ndirett* imsemmi f'kull ktieb tal-istorja ta' pajjiżna, bħal m'huma l-ħiġmiet jew "raids" tal-Għarab, li kienu jiġu għall-għarrieda, jaħarqu ż-żara, jaqtgħu s-siġar u jisirqu bhejjem u nies; il-kiri ta' Malta lil xi tirann, li jagħsar demm l-imsejken poplu sal-anqas qatra: nies li kienu jmutu bil-ġugħ u l-kesħa fix-xitwa, ġewwa l-grieni tar-raba u l-egħrien; għamel ukoll deni *dirett*: in-nuqqas ta' dokumenti fuq il-ħakma u l-ġrajja tal-pajjiż. Għax il-Konti ħa miegħu lejn Sqallija, l-Insara qishom kollha li sab hawn, u dawn, m'għandniex xi ngħidu, ħadu magħhom il-kotba, jiġifieri l-manuskritti (għax dak iż-żmien ma kienx hawn stamperijiet) li kellhom, u Malta, f'dik li hi kitba, sefgħet fix-xejn. In-nies ta' wara l-miġja tal-Konti bil-għaks u l-ġugħ li kellhom ma kellhomx ħsieb il-kitba, imma kienu jaraw kif jagħmlu biex iżommu ruħhom f'ġisimhom, bit-tama li ż-żmien 'il quddiem jitbiddel għall-aħjar. Għalhekk fuq il-Grotta ta' San Pawl u l qagħda tiegħu f'Malta, l-ewwel dokument li hu magħruf (ħaġa ta' min jistħi jgħidha), huwa ta' Quintinus Haedjus, is-segretarju ta' L'Isle Adam fis sema 1532.

Mela, jaħasra ma nistgħu nafu xejn fuq San Pawl u fuq il-Grotta, qabel is-Seklu Sittax?". Naraw nistgħux inlaqqtu xi ħaġa minn x'imkien.

Bħal ma rajna fil-bidu, u kif inhu miktub fl-Atti tal-Appostli, San Pawl dam Malta tliet xhur. Tliet xhur għal ħerqa ta' San Pawl u għaċċokon ta' Malta huma żmien twil ġmielu. Jekk ngħidu li f'għoxrin jum in-nies ta' Malta kollha kienu jafu bih (għax ix-xnijjat u l-kliem aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar iħaffu fil-ġiri), u f'erbgħin jum kien fejjqilhom il-morda kollha, jiġi li kien fadallu xahar ħieles, imur fejn irid.

Dan ukoll jaqbel mal-għidut ta' Malta, għax hawn jingħad li San Pawl żar ħafna rħula, fosthom in-Naxxar, il-Gudja u ż-Żejtun. Jista' jkun, u kien jaqbel u xieraq, li x-

Xjuħ tal-Insara, jew *Presbiteri*, f'Malta, kienu jistednuh, wieħed wieħed, jasal wasla sar-raħal tagħhom, ikellem ftit lill-Insara u jara kif inhuma sejrin. San Pawl trabba f'Tarsu, belt Griega msawra ġmielha, u kien bin il-għana, għalhekk kien jaf jirkeb iż-żiemel. U b'naqra ta' żiemel, u suldat miegħu għassa, kien jilħaq l-ibgħad raħal ta' Malta f'qasir żmien.

Jingħad ukoll li San Pawl hawn Malta għamel lill-Kbir tal-Gżira, Publijus, Isqof tal Insara. Hemm egħlimiet li dan hu minnu għal kemm San Luqa fl-Atti ma jsemmi xejn. Malta, rajjes fuq l-Insara kollha kien hawn xi Ras kbira, jew Publijus il-Ħakem, jew ibnu, li ħasel kien jismu bħalu, għax dak iż-żmien kienu jħobbu jsemmu missier u iben bħal xulxin. Ciċero, ftit snin qabel San Pawl, kellu tifel żgħir, ibnu, li kien jismu Ciċero bħalu.

Li f'Malta kien hawn xi Ras tħares lill-Insara jidher minn żewġ egħlimiet; wieħed: għax ma hawn ebda atar tal-moħqrija ta' l-Insara, waqt li f'Ruma, erba' snin wara li ġie San Pawl hawn, bdew iqattgħu fihom bla nifs; tnejn, li l-Lhud hawn kienu ħbieb u sħab ma' l-Insara, u kienu jindifnu flimkien, kif jidher mill-oqbra tal Katakombijiet ta' Malta, fejn hemm il-Qandiel tas-sebgħa ftejjel u l-Monogramma ta' Kristu (XP) fuq l-oqbra qrib xulxin. Il-Lhud nies ta' moħħhom jilħqilhom, għamlu ħbieb ma' l-Insara hawn Malta m'hux għal xejn. Biex jinġiebu mal-Ħakem, li kien rajjes tal Insara, ħalli jbiġġilhom u taxxi ma jagħmlilhomx.

Imma xi ħadd isaqsi: "Jekk Publijus sar Nisrani, kif ir-Rumani ma kellmuh xejn talli ċaħad l-allat tan-nazzjon?"

Għax ma kienx hemm raġuni biex ikellmuh, għax hu kien Kangħani, m'hux Rumani. Mela ma kienx ċaħad l-allat ta' Ruma, imma l-allat tannazzjon tiegħu. Jekk hu, u dawk kollha li saru Nsara hawn Malta, kienu Lhud u Kangħanija, li fid-Djiena ma kellhomx x'jaqsmu ma Ruma, tkellimhom, fif? Billi Publijus hu isem li kienu jinqdew bih ir-Rumani, xejn ma jfisser; dak iż żmien hekk kienu jagħmlu: iqabblu l-ħoss ta' l-isem ewlieni ma' isem ieħor u jbiddluh. "Jusef" ma għamluhx "Hegesippus", u 'Jesugh' għamluh "Jason", u "Għaqil" għamluh "Aquila". X'fiha billi l-isem Kanghani ta' Abi - Bagħal jagħmluh "Publijus"? Ara ftit il-ktieb ta' Jusef il-Lhudi jew Ġużeppi Flavju: Antiquitates Judaicae (ktieb I taqsima 17) fejn jissemma s-sultan tas-Surin li wkoll kien jismu Abi-Bagħal.

Dan li rajna fuq l-ewwel Insara Maltija u fuq Publijus jiswa' wkoll biex jiftiehem kif żammet hekk tajjeb it-tradizzjoni tal-Grotta ta' San Pawl tar-Rabat. Għax la darba l-Ħakem sar Nisrani, u hu, jew ibnu kien imgħajjen minn San Pawl innifsu bħala rajjes tal-Presbiteri ta' Malta (taħsebx li kien Isqof bil-mitra u l-baklu; Isqof kien qisu kappillan tal-lum, kien ikun hemm Isqof f'kull belt u f'kull raħal kbir) il-Grotta għażża li fiha kien għammar il-Qaddej t'Alla, ma ħallihiex aktar taqdi bħala ħabs. Ġieb skuża u għalaqha min-naħa tal-foss, u fetaħ bieb żgħir min naħa ta' barra (aktarx xi bieb minn dawk it-tnejn li għadhom jidhru, misduda, fil-Grotta fejn hemm l-istatwa, li Caruana qal li huma bibien tad-dwiemes), u kull meta kien irid ikellem lil Presbiteri

tal-Insara, kien jibgħat għalihom u jiltaqgħu hemm, fil-mistur, biex ma jagħtux fil-għajn. Għal fejn toqgħod ixxewwixha l-ħaġa, bla ma jkun meħtieġ? U mbagħad aħjar minn hemm, fejn lil San Pawl kienu jistħajluh għadu magħhom, ma satax isib.

## VII — TISMIJIET MIKTUBA

Għedna fit-Taqsima ta' qabel din li l-ewwel kitba magħrufa fuq il-Grotta ta' San Pawl, hija t-tismija ta' Quintinus Haedjus, Segretarju ta' L'Isle Adam, l-ewwel Gran Mastru ta' Malta. Kien semmieha f'ittra li kiteb minn hawn lil wieħed ħabib tiegħu fis-sena 1532. Jista' jkun li għad tinkixef xi kitba oħra ta' qabel din, fuq il-Grotta, imma s'issa din ta' Quintinus hija l-eqdem kitba magħrufa. Għax kieku hawn xi ħaġa oħra miktuba qabilha, xi ħadd, bħal Kommendatur Ġian-Franġisk Abela, jew il-Kapuċċin Patri Pelaġju, jew Monsinjur Onoratu Bres, jew dan l-aħħar Caruana, kien isemmiha.

Biex ngħidu kollox, fi żmien l-Isqof De Mello, fis-sena 1436 (qisu mitt sena qabel Quintinus) il-Grotta tissemma bħala *kappella*, waħda mit-tnax li kien hawn dak iż-żmien f'Malta kollha, li fihom kienu jingħataw is-Sagramenti. Qegħda wara taż-Żurrieq. Tissemma hekk: "La cappella di santu Paulu di fora" (jiġifieri ta' San Pawl Barra kif għadha tissemma fir rħula sal-lum) Kappillan tagħha kien: "Donnus Albanus de Franco". Hekk ukoll bħala *kappella* msemmija l-Grotta tal-Madonna tal-Mellieħa, fil-kitba tal-Isqof de Mello wkoll.

Quintinus, fi-sena li semmejna 1532, kiteb din l-ittra bil Latin. Il-kliem l-aktar imhimm jew *importanti* għalina huwa dan: "Propter urbem spelunca est effossa introrsum rupe, duobus intus aris, ubi cum vinctis Paulus tres asservatum menses referunt incolae" (Imbagħad isemmi ż-żrar li kienu jieħdu mal-ilma bħala duwa u ifiequ). Dal-kliem bil Malti jfisser hekk: *Qrib l-Imdina hemm għar imħaffer fi blata, b'żewġ artali ġewwa, li fih jgħidu li San Pawl kien miżmum għal tliet xhur mal-maħbusin* (priġunieri). Mela, minn dal-kliem nafu li fuq erba' mitt sena ilu (sewwa sew 428) il-Grotta ta' San Pawl tar-Rabat kienet qisha bħal ma hi llum, b'żewġ artali minn ġewwa — l-artal ta' San Pawl u l-ieħor ta' San Luqa. U l-għidut kien dak iż-żmien li l-Grotta kienet tagħmel sehem mill-ħabs tal-Imdina ta' żmien ir-Rumani, bħal ma rajna qabel hawnhekk u bħal ma jidher mill ħabs l-ieħor ta' quddiemha, li hemm imħaffer fil-blat taħt bieb il-belt, ġewwa l foss.

It-tieni tismija hi fil-ktieb taż-Żjara tal Isqof Pietru Duzina, li ġie Malta fis-sena 1575, għaxar snin wara l-Assedju l-Kbir tat-Torok, għax kien hawn qatiegħ tilwim bejn il-Gran Mastru ta' Malta La Cassiere u l-Isqof Martinu Rojas u r Rhieb ta' San Ġwann (kien raġel tajjeb u ta' fehma iebsa, La Cassiere. Mal-Maltin ma kellux xi jgħid; il-Ġurati tal-Imdina kienu jħobbuh u meta għalquh Sant'Anġlu, talbuh iħallihom jaqbżu għalih u jifthulu b'saħħa). Mons. Duzina żar il Grotta fit-22 ta' Jannar ta' dik is-sena 1575. Fil-kitba semmieha *Knisja Parrokkjali*, għax fiha kienu għadhom jingħataw is-Sagramenti bħal fi żmien l-Isqof De Mello. L ilma tal-Magħmudija kienu jżommuh ġewwa żir, u għal hekk l-Isqof ma ħalliehomx

jgħammdu hemm aktar, sa xi żmien, sa kemm tiżżanżan il-knisja l-ġdida Għax ma' ġenb il-Grotta kienet qegħda tinbena knisja, u kienet għodda lesta, għax ħames xhur wara tbierket, jiġifieri l-għada tal-Imnarja ta' dik is-sena 1575, kif kiteb il-Kommendatur Abela. (Dan ġieb il-kitba bil-Latin li kien hemm fuq l-inkwatru ta' wara l-artal tal-knisja, li kienet tgħid hekk: DIVO PAULO HUJUS INSULAE TUTELARI * UBI VIVENS CHRISTUM PRAEDICAVERAT * MARTINUS ROJAS TEMPLUM HOC CONSECRAVIT * PRIDIE KAL. JULII MDLXXV. *Pridie Kalendas Julii* jiġifieri jum qabel l-ewwel ta' Lulju, jiġifieri t-30 ta' Ġunju, l-għada tal-Imnarja). L aktar kliem imhimm għalina li kiteb Duzina huwa dan: "Locus in quo ecclesia (sancti Pauli extra-moenia) fundata est, sanctus est et valde devotus, quia in eo sanctus




*L-Imdina. Malta. Kif aktarx kienet il-bażilka ta' Malta fis-seklu ħamsa. a: bieb il-kbir. b-b. in-*nartex, *fejn il-midinbin jagħmlu t-tewba. c-c: kolonni. d: artal ġewwa l-apside. e-e: kamra għal ġarar taż-żejt. f-f: aktarx il-post tal-laqgħat. g-g: sagrestija. h-h: fdal bini. i-i: ħajt tal-*atrium *ta' dar Rumana.*

Paulus habitavit et saepe Verbum Dei praedicavit. Ecclesia est tota in saxo posita ex quo fideles quotidie fragmenta eripiunt, quae dicunt adversum omnia venena prodesse". Bil-Malti jfisser hekk: *Il-maqgħad fejn hija msejsa l-knisja* (jiġifieri l-foss) *huwa mqaddes u ta' qima kbira għax fih kien joqgħod S. Pawl u wisq drabi kien ixandar il-kelma t'Alla. Hemmhekk hemm knisja kollha mħaffra fil-blat, li minnha l-Insara jieħdu l-frak ta' kull jum, għax jgħidu li jiswa għal fejqan ta' kull xorta ta' semm.* Mela minn hawn nafu xi ħaġa oħra: li fi żmien Duzina kien għadu jingħad li San Pawl kien jippriedka wkoll minn ġewwa l-foss. Din hi ħaġa qrib issewwa, għax in-nies fi żmien San Pawl kienu jistgħu jħarsu għal ġewwa l-foss, fejn kien hemm il-ħabs u l-Grotta, minn żewġ naħat: minn fuq il-pont ta' quddiem bieb il-belt, minn barra, u minn fuq il-ħajt tal-foss, min-naħa ta' barra wkoll. Għal hekk minn hemm San Pawl sata' jkellem lin-nies mingħajr il-ħalla tal-għassa, u mingħajr ma joqogħod jitla' t-taraġ.

Hawnhekk ta' min isemmi ħaġa: il-Manuscritt ta' Duzina, fejn isemmi l-Grotta, ma hux ċar fil-kliem. Il-knisja l-ġdida, li kienet għoddha lesta u l-Grotta, isemmihom it-tnejn "knisja". Min kitbu għandu jkun ħaseb li iegħed jikteb għan-nies ta' żmienu biss, li kienu raw b'għajnejhom, għal hekk kiteb fil-qosor wisq għax kien jaf li dawk ma setgħux jitfixklu. Ma ħasebx fina, aħna li ma rajniex, u ma qagħadx jikteb ċar, biex aħna ma noqogħdux inħabblu rasna. Fuq it-taħwida ta' żewġ knejjes, ġewwa l-foss, inħaseb li kien hemm knisja qadima ma' ġenb il-Grotta, u kienet hija l-Kattidral. Ma jidherx li hu hekk. L-ewwel "Basilica" ta' Malta li nbniet fis-seklu Ħamsa, donnha fuq xi dar Rumana, u l-artal tagħha kien f'nofs l-"atrium" sew. U kienet fejn issa hemm il-Kattidral.

Għandu jkun li meta nbniet il-knisja tal-Isqof Rojas ma' ġenb il-Grotta, fis-sena 1575, in-nies aktar għoġobha s-*sabiħ* inkella t-*tajjeb*. Knisja mudwala, bil-kolonni, bl-inkwatri u d-damask imedndel malħitan fil-għejjieda, kienet isbaħ mill-G r o t t a bla żîna, bil-ħitan tal-blat, għal kemm *il-knisja l-imżejna* kienet il-*qaddejja tal-Grottal-għarwiena*. Il-Papa Pawlu V fil-Breve mibgħut fil-5 ta' Diċembru 1610 u fil-Bolla tal-1620, kiteb li l-Grotta Mqaddsa ta' San Pawl tar-Rabat kienet "qisha mħollija għal kollox u mitluqa" (*pene neglectam ac desertam.* Ara Gatt-Said: "La Grotta di San Paolo", f. 70). Imma San Pawl ħaseb biex ma titħalliex hekk il-Grotta tiegħu ta' Malta, u bagħat hawn lil Giovanni di Benegas, li raġa' ċaqlaq il-qima tagħha.

## VIII — FRA JUAN BENEGAS

Kif rajna qabel, fis-sena 1575 iżżanżnet il-knisja ta' ma' ġenb il-Grotta, u saret hija l-Parroċċa; għal dan in-nies bdew imorru jisimgħu l-quddies u jgħamlu dmirijiethom fiha u l-Grotta Mqaddsa bdiet tintesa bil-ftit-il-ftit. Hekk li għal ħabta tas-sena 1600 sfat qisha mitluqa minn kulħadd.

Imma għal dil-ħabta wkoll, wieħed żagħżugħ Spanjol, minn Cordova, wasal Malta. Ismu kien Giovanni di Benegas (jew aħjar Juan de

Benegas) li kien ġie hawn biex jidħol Raheb jew Kavalier ta' San Ġwann. Ġie hawn ftit qabel is sena 1600, għax wieħed Malti li semmieh qal li kien ilu li ġie xi tnax-il sena u dal-Malti kiteb fis-sena 1610. Tnaqqas tnax-il sena minn dawna naslu fis-sena 1598. Dal-Malti jismu Markanton Għaxaq, u l-manuskritt tiegħu qiegħed il Bibljoteka, N. 515.

Benegas, għal ħaġa jew oħra, ma seħħlux jidħol Raheb; għalhekk minn bdiel jarġa' jmur lejn Spanja, baqa' hawn Malta, jgħammar ġewwa moħba ftit bgħid mill-Grotta (hekk kiteb Għaxaq: *in un luogo segreto*



*Ir-Rabat, Malta. Ritratt ta' Fra Juan de Benegas, spanjol minn Kordova, li ġedded il-qima lejn il-Grotta mqaddsa ta' San Pawl — meta l-Maltin kienu għoddhom telquha.*

*poco distante dalla Grotta* jgħix ħajja ta' qdusija u jgħaddi ħajtu fit-talb u t-tgħakkis, joħroġ jittallab il-karita', jimxi ħafi u xuxa, liebes libsa tax-xoqqa rħisa, u li jaqla jin-qeda bih biex jieħu ħsieb il-Grotta u jgħin il-foqra u l-maħbusin.

Fis sena 1606 Benegas qata' li jmur jitlob l-Indulġenzi lil Papa, ħalli n-nies aktar jitħajru jżuru l-Grotta Mqaddsa. U billi l-Papa ma kienx jafu, talab lill-Ġurati tal-Imdina jagħtuh ittra minn idejhom ħalli jkollu x'juri meta jasal hemm.

Il-Ġurati tawh l-ittra li talabhom, u Benegas f'Settembru tas-sena 1606 telaq lejn Ruma. Meta wasal u wera l-ittra lil Papa, Pawlu V, laqgħu tajjeb ħafna u tah qatiegħ Indulġenzi għall Grotta tar-Rabat (tista' tarahom fil-manuskritt ta' Markanton Għaxaq, imma hawn għal qosor ma nġibuhomx). Benegas talab ukoll lill-Papa l-ħalla jew *permess li* jibni Dejr għalih u għal kanonki li kien bi ħsiebu jrawwem, u għaż-żawwarin. Il-Papa tah kull ma talbu, u l-ittri Apostolki biex jurihom lill-Isqof ta' Malta, Monsinjur Gargallo, ta' dak iż-żmien.

Il-Papa lil Benegas tah ukoll kotra ta' paramenti tal-knisja u relikwi u relikwi oħra tah ukoll il-Markiż Ta' Vilhena, ambaxxatur ta' Spanja mas-Santa Sede. B'dan il-ġid kollu Benegas telaq lejn Napli qala' wkoll statwa żgħira tal-Madonna, imsemmija Madonna tat-Tempju (li s'issa għadha f'niċċa fil-knisja ta' fuq il-Grotta) li min jitlob quddiemha kien jaqla' grazzi m'hux ftit.

Telaq minn Napli u wasal Malta max-xini Kaptana tal-Ordni, u kif wasal qiegħed ir-relikwi li ġieb miegħu fl Oratorju ta' San Ġwann biex jarawhom in-nies. Imbagħad ħaseb biex jieħu kollox ir-Rabat bil-purċessjoni li saret fit-18 ta' Ottubru 1608, bil-*permess* jew ħalla ta' l-Isqof Gragallo u tal-Gran Mastru Wignacourt.

Il-purċissjoni ħarġet minn San Ġwann u mxiet lejn id-Dejr tal-Kapuċċini tal-Furjana, fejn tqegħdu r-relikwi għal dak in-nhar. Il-għada l-purċissjoni reġgħet ħarġet minn għand il-Kapuċċini u telqet lejn ir-Rabat bil-mixi, imsieħba minn kotra kbira ta' nies ferħana, fost it-talb, il-kant u l-isparar. Il-ħafla baqgħet sejra wara li waslu r-Rabat, u meta ħeles kollox, Benegas radd ir-relikwi u l-paramenti fi mkienhom, u ħaseb biex jibda jibni d-Dejr.

Ix-xogħol ftit wara beda, u Benegas qassam il-bini fi tnejn: dar għal kanonki u dar oħra għalih u għaż-żewwarin. Rewwem ukoll il-ġonna u ġewwa fihom ħawwel siġar u ħaffer bjar. Waqqaf ukoll kolonni u saqqaf tixbikiet biex jixxabbtu magħhom ix-xtieli. Meta għamel dan kollu u ra li kien għad fadallu l-flus, bena bihom knisja żgħira fuq il-Grotta u semmieha għal San Publiju, ħabib u mdgħajjef ta' San Pawl.

Dan kollu ma għoġobhomx lil qassisin tal-Parroċċa, u naħseb, kellhom biċċa raġun sewwa, għax kien hemm għażla kbira bejn Benegas il-Kbir t'issa, għal Benegas ta' qabel, it-tallab. Tarġa' Benegas ma kienx Malti, u l-Grotta Mqaddsa li ħafen taħt idu kienet tal-Maltin. U deher ftit jew wisq qarrieqi, meta miel daqshekk lejn l-Ordni, wara li kull ma kiseb kien bis-saħħa tal-ittra ta' rakkmandazjoni li tawh il-Ġurati Maltin. Għal dan, il-qassisin riedu

jerġgħu jieħdulu l-Grotta, imma hu kiteb lil Papa u dan raġa wettqu bħala sid. Hekk Benegas mis-saba' ħa l-id u d-driegħ. Il-qassisin tar-Rabat baqgħu jitħabtu biex jieħdu dak li kien tagħhom, u Benegas biex jeħles ħaseb li jagħti l-Grotta u d-Dejr b'kull ma fihom lil Gran Mastru tal-Ordni, għalih u għal werrieta tiegħu warajh. Hekk sar u Benegas, fis sena 1624 telaq minn Malta lejn Spanja u ħadd ma sama' aktar bih.

U issa nagħlaq dawn l-inqaqar ta' kitba b'nitfa ta' ġrajja minna, li kienet il-ħtija li ktibt dan.

Mela, kont il-Bibljoteka u ġie Ġanni l-Għawdxi ħdejja. Qalli: "Lu, tiġi r-Rabat għada wara nofs in-nhar? Jien sa mmur nara l-knisja li hemm taħt l-art, ħada San Pawl Barra, il-knisja tal-Madalena."

"Niġi!" weġibtu "Għada m'iniex xogħol. Darba biss rajtha dik il-knisja, ilu xi għaxar snin".

U ltqajna r-Rabat u nżilna fil-knisja u niżel magħna Karmnu, raġel mir-Rabat, li jien u hu ftit fuq erbgħin sena ilu, konna flimkien suldati tal-Għar-Emm-Ej. U kif konna hemm isfel, fuq għarma trab u ħaġar, rajna daħla mudlama u sewda ċulqana. "Ġann", għedtlu jien, "ejja nidħlu, ħalli naraw x'hemm!".

U kif Ġanni xegħel is-sarġa (jiġifieri t-*torchlight*) u qbadna sa nidħlu Karmnu telaq 'il barra. Aktarx qal f'qalbu: "Ħa' nitlaq! Li ma jarawx xi ruħ u jaqbdu jgħajtu u jagħtu qatgħa lili wkoll!" Imma aħna dħalna. U rajna ħajt tal-blat u fih għadd ta' mrabat, u daħla donnha gabuba, u mogħdija dejqa u żewġ bibien. U jien qbadt inħares u naħseb. Imbagħad għedt lil Ġanni: "Ġann aqta' dan x'inhu! Dan ħabs Kangħani! R a j t wieħed jixbħu ħafna, jgħidulu l-Ħabs ta' San Pietru taħt l-art bħalu, fuq Sijon, Gerusalem!"

U ġewwa dak id-dlam idda dawl żgħir, imma ċar għall-aħħar, fuq Malta u fuq il-Grotta ta' San Pawl!

TMIEM

---

# IL-GĦAR TA' SANT'ELIJA

Jingħad li Elija għadu ħaj, u jinsab fuq Ġebel Karmel, fil-Palestina, imma darba fil-kemm jarawh in-nies. Fil-Għar tiegħu, quddiem il-baħar imorru Lhud u Nsara u Mislmin.

Wieħed Lhudi u l-mara tiegħu li marru joqogħdu dik in-naħa riedu jieħdu ħsieb Elija u bdew iġibulu żewġt iftajjar, u jqiegħduhomlu fil-bieb tal-għar tiegħu, fil-għaxija, kull jum. Damu jagħmlu hekk għal seba snin: iqiegħdu l-ftajjar hemm fil-għaxija, u fil-għodu ma jkunux hemm aktar.

Lejla waħda rahom iqiegħdu l-ftajjar hemm qassis Grieg, u beda jidħak bihom. U meta qalulu li l-Profeta kien jieħu l-ftajjar, għax fil-għodu ma jkunux hemm, weġibhom li dawk kien jeħodhom ir-raġel tal-għassa, jew jekluhom bil-lejl id-dbejjeb. U għal dal-kliem, ir-raġel u l-mara sewwdu qalbhom u tnikktu mhux bi ftit.

Kif kien sejjer il-qassis iltaqa' ma' raġel xiħ bil-leħja bajda, li saqsieh għaliex kien jidħak. Il-qassis qallu li kien jidħak bil-bluha ta' dawk in-nies. "Imma ma taħsibx int," qallu x-xiħ, "li l-għotja tagħhom żgħira, kemm hi żgħira, mogħtija b'qalb safja, ma kenitx qiegħda togħġob 'l Alla? Mela għaliex tellifthom il-hena u l-istiħqaq?" U kif qallu hekk ma deherx aktar.

Il-qassis għaraf li dak ix-xiħ kien Elija u l-għada mar għand dawk in-nies, jitlobhom maħfra.